KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA

Brussel, 16 ta' Settembru 2005 (22.09)
(OR. fr)

12333/05

PUBLIC 7

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | SOMMARJU TA’ KULL XAHAR TA’ L-ATTI TAL-KUNSILL LULJU 2005 |

Dan id-dokument fih:

– fl-**Anness 1**, sommarju ta' atti leġislattivi definittivi adottati mill-Kunsill f'Lulju 2005. Dan hu akkumpanjat b'dikjarazzjonijiet fil-minuti li jistgħu jinħarġu lill-pubbliku (**Anness II**). Is-sommarju jsemmi wkoll kwalunkwe vot kontra u astensjoni, spjegazzjonijiet tal-vot, kif ukoll ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli;

– fl-**Anness III**, lista ta’ l-atti l-oħra[1] adottati mill-Kunsill f’Lulju 2005, b’referenza, fejn xieraq, għar-riżultati tal-vot, spjegazzjonijiet tal-vot u tad-dikjarazzjonijiet li l-Kunsill iddeċieda li jagħmel pubbliċi.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll permezz ta' l-Internet ("http://ue.eu.int"); ara taħt Dokumenti, imbagħad "Sommarju ta' Atti tal-Kunsill".

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta’ l-atti leġislattivi li huma awtentiċi. L-estratti mill-minuti in kwistjoni jistgħu jinkisbu wkoll mid-Dipartiment tat-Trasparenza: ("transparency@consilium.eu.int").

[1] Ħlief għal ċerti atti ta’ kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta’ proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet ta’ korpi stabbiliti permezz ta’ ftehim internazzjonali, deċiżjonijiet speċifiċi dwar il-*budget*, eċċ.

| LULJU 2005 | | | |
|---|---|---|---|
| **ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI** | **TESTI ADOTTATI** | **DIKJARAZZJONIJIET** | **VOTI/SPJEGAZZJONIJIET TAL-VOTAZZJONI U REGOLI TA' VOTAZZJONI** |
| **L-2672 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji)**<br>**fit-12 ta' Lulju 2005** | | | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' l-Euro kontra l-falsifikazzjoni, permezz tal-ħatra ta' l-Europol bħala l-Uffiċċju Ċentrali għall-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni tal-euro | 8380/05 | | Unanimità |
| Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill għat-tisħiħ tal-qafas tal-liġi kriminali għall-infurzar tal-liġi kontra t-tniġġiż li joriġina minn bastimenti | 9810/05<br>+ COR 1 (it)<br>+ COR 2 (el)<br>+ COR 3 (de)<br>+ COR 4 (da)<br>+ COR 5<br>+ COR 6 (lv)<br>+ REV 1 (hu)<br>+ REV 1 COR 1 (hu)<br>+ REV 3 (lt) | 77/05, 78/05, 79/05<br>80/05 | Unanimità |

| LULJU 2005 | | | |
|---|---|---|---|
| **ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI** | **TESTI ADOTTATI** | **DIKJARAZZJONIJIET** | **VOTI/SPJEGAZZJONIJIET TAL-VOTAZZJONI U REGOLI TA' VOTAZZJONI** |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar Linji Gwida għal-linji politiċi dwar l-Impjiegi ta' l-Istati Membri | 10205/05<br>+ COR 1 (lv)<br>+ REV 1 (pt)<br>+ REV 2 (cs)<br>+ REV 3 (de)<br>+ REV 4 (lt) | | Maġġoranza kwalifikata |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1177/2003 dwar l-istatitstiċi Komunitarji dwar l-introjtu u l-kondizzjonijiet ta' l-għixien (UE-SILC) | PE-CONS 3624/05 | | Maġġoranza kwalifikata |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli tal-flus kontanti li jidħlu u joħorġu mill-Komunità | PE-CONS 3646/05 | 81/05 | Maġġoranza kwalifikata |
| Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/51/KE li tistabbilixxi Programm relatat ma' l-istrateġija tal-qafas Komunitarju dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-Deċiżjoni Nru 848/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarju biex jippromwovi l-organizzazzjonijiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa | PE-CONS 3630/05 | | Maġġoranza kwalifikata |

| LULJU 2005 | | | |
|---|---|---|---|
| **ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI** | **TESTI ADOTTATI** | **DIKJARAZZJONIJIET** | **VOTI/SPJEGAZZJONIJIET TAL-VOTAZZJONI U REGOLI TA' VOTAZZJONI** |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tniġġiż minn bastimenti u dwar l-introduzzjoni ta' pieni għal infrazzjonijiet | PE-CONS 3623/05 | 82/05, 83/05, 84/05, 85/05 u 86/05 | EL u MT kontra<br>CY tastjeni<br>Maġġoranza kwalifikata |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kinsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 74/408/KEE dwar vetturi bil-mutur fir-rigward tas-sedili, l-ankoraġġi tagħhom u r-riffieda tar-ras | PE-CONS 3636/05 | 87/05 u 88/05 | Maġġoranza kwalifikata |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għal aċċess għar-rettikolat ta' trasmissjoni tal-gass naturali. | PE-CONS 3614/05 | 89/05 | Maġġoranza kwalifikata |
| **L-2673 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji: Budget) fil-15 ta' Lulju 2005** | | | |
| Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2505/96 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti awtonomi ta' tariffi Komunitarji għal ċerti prodotti ta' l-agrikoltura u ta' l-industrija | 10193/05<br>+ COR 2 (fi)<br>+ REV 1 (hu)<br>+ REV 2 (lt)<br>+ REV 3 (sl) | | Maġġoranza kwalifikata |

| LULJU 2005 | | | |
|---|---|---|---|
| **ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI** | **TESTI ADOTTATI** | **DIKJARAZZJONIJIET** | **VOTI/SPJEGAZZJONIJIET TAL-VOTAZZJONI U REGOLI TA' VOTAZZJONI** |
| **L-2676 laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fit-18 ta' Lulju 2005** | | | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea fil-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa Regolament Nru 94 dwar disposizzjonijiet li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-protezzjoni ta' l-okkupanti f'każ ta' ħabta frontali u r-Regolament Nru 95 dwar disposizzjonijiet li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-protezzjoni ta' l-okkupanti f'każ ta' ħabta laterali | 7590/05 | | Unanimità |
| Direttiva tal-Kunsill dwar il-ftehim bejn il-Komunità ta' Ferroviji Ewropej (CER) u l-Federazzjoni Ewropea għall-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) dwar ċerti aspetti tal-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' ħaddiema mobbli assenjati għal servizzi transkonfini interoperabbli fis-settur tal-ferroviji | 10050/05<br>+ COR 1 (en)<br>+ COR 2 (da)<br>+ COR 3 (el)<br>+ COR 4 (el)<br>+ COR 5 (es) | 90/05, 91/05, 92/05, 93/05, 94/05, 95/05 u 96/06 | AT, SK u UK astjenew<br>Maġġoranza kwalifikata |
| Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/819/KE dwar programm pluriennali għall-intrapriża u l-intraprenditorija, b'mod partikolari għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) (2001-2005) | PE-CONS 3635/05 | 97/05 | Maġġoranza kwalifikata |

## DIKJARAZZJONI 77/05

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar il-possibbiltà ta' reviżjoni tal-Konvenzjoni MARPOL 73/78**

"Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tesplora l-possibbiltà li jingħata bidu għal inizjattiva fil-qafas ta' l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali bil-ħsieb li l-Konvenzjoni MARPOL 73/78 tiġi riveduta, b'mod partikolari l-Annessi tagħha dwar Regolamenti għall-prevenzjoni ta' tniġġiż biż-żejt u b'sustanzi likwidi noċivi, u li jitnaqqas il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-eċċezzjonijiet għall-projbizzjonijiet biex dawn il-prodotti ma jiġux rilaxxati fil-baħar abbażi tal-leġiżlazzjoni reċenti tal-KE u ta' l-UE dwar it-tniġġiż li joriġina minn bastimenti, u biex tirrapporta lill-Kunsill matul l-2006."

## DIKJARAZZJONI 78/05

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni dwar l-allinjament ta' l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru bil-verżjoni finali tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tniġġiż li joriġina minn bastimenti u dwar l-introduzzjoni ta' pieni għal infrazzjonijiet**

"Il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea, waqt li jirrikonoxxu l-karattru kumplimentari tad-Deċiżjoni Kwadru u l-ħtieġa għall-allinjament tad-disposizzjonijiet tagħha mad-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tniġġiż li joriġina minn bastimenti u dwar l-introduzzjoni ta' pieni għal infrazzjonijiet, jaqblu li jallinjaw l-Artikolu 2 mal-verżjoni finali tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 4 u 5 ta' dik id-Direttiva."

**DIKJARAZZJONI 79/05**

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 11(3)**

"Meta tipprepara r-rapport tagħha lill-Kunsill, kif previst fl-Artikolu 11(3), il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tivvaluta l-impatt ekonomiku ta' kwalunkwe miżura li tista' tipproponi, kif ukoll l-impatt tagħha fir-rigward tal-ġlieda kontra t-tniġġiż tal-baħar."

**DIKJARAZZJONI 80/05**

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

"Minħabba l-importanza tal-ġlieda kontra t-tniġġiż li joriġina minn bastimenti, il-Kummissjoni taqbel li r-rilaxx ta' sustanzi li jniġġsu minn bastimenti jsir reat kriminali u li jiġu adottati pieni fuq livell nazzjonali f'każ ta' infrazzjoni tar-regolamenti Komunitarji dwar it-tniġġiż li joriġina minn bastimenti.

Madankollu, il-Kummissjoni hi ta' l-opinjoni li d-Deċiżjoni Kwadru mhix l-istrument legali xieraq li permezz tiegħu timponi fuq l-Istati Membri obbligu li jiġi kriminalizzat ir-rilaxx illeċitu ta' sustanzi ta' tniġġiż fil-baħar u li jistabbilixxi pieni kriminali korrispondenti fuq livell nazzjonali.

Il-Kummissjoni - kif qiegħda targumenta fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell tagħha C-176/03 kontra d-Deċiżjoni Kwadru dwar il-Protezzjoni ta' l-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali - tikkunsidra li, fil-kompetenzi li hija għandha bil-għan li tilħaq l-objettivi mniżżla fl-Artikolu 2 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, il-Komunità għandha s-setgħa li tirrikjedi lill-Istati Membri biex jipprovdu għall-pieni - inkluż, jekk xieraq, pieni kriminali - fuq livell nazzjonali, fejn dan jirriżulta li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq objettiv Komunitarju.

Dan huwa l-każ fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' tniġġiż li joriġina minn bastimenti, li l-Artikolu 80(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jikkostitwixxi l-bażi legali tagħhom.

Sakemm tingħata deċiżjoni dwar C-176/03, jekk il-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni Kwadru minkejja din il-kompetenza Komunitarja, il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha konferiti lilha mit-Trattat."

## DIKJARAZZJONI 81/05

**Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Taljana**

"Għal xi żmien l-Italja kellha sistema ta' kontroll tal-movimenti transkonfini ta' flus kontanti u għalhekk tendorsja l-ispirtu u l-objettivi tal-proposta għal Regolament.

Fir-rigward tal-kwistjoni tal-limitu minimu ta' l-applikazzjoni tar-Regolament, id-delegazzjoni Taljana tixtieq tagħmel il-punti li ġejjin:

– F'dawk l-Istati Membri li diġà għandhom regoli nazzjonali dwar il-kontroll tal-movimenti ta' flus kontanti l-limiti minimi huma differenti. Madankollu, fl-interess ta' l-armonizzazzjoni irid ikun hemm limitu minimu Komunitarju uniformi.

– Inħossu li jkun preferibbli kieku l-limitu minimu ta' applikazzjoni tar-Regolament ikun konsistenti ma' dak previst fir-regolamentazzjoni Komunitarja eżistenti. Id-Direttivi dwar il-*money laundering*, li huma relatati sew mal-proposta li qed tiġi diskussa, jipprevedu limitu ta' EUR 15 000 għall-applikazzjoni tal-miżuri preventivi. Sabiex tinżamm l-uniformità u l-konsistenza globali tar-regoli Komunitarji naħsbu li għandu jkun użat l-istess limitu minimu f'reviżjoni futura ta' dan ir-Regolament.

– Barra minn hekk l-applikazzjoni ta' limiti differenti jistgħu joħolqu konfużjoni fost iċ-ċittadini, b'mod partikolari fil-każ ta' regoli supplementari, jew regoli meqjusa bħala tali miċ-ċittadin."

## DIKJARAZZJONI 82/05

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar il-premessa 8 u l-Artikoli 4 u 5**

"Il-Kunsill jaqbel li l-multi m'għandhomx ikunu assigurabbli u li l-kwistjoni għandha titqajjem fil-forum internazzjonali rilevanti."

## DIKJARAZZJONI 83/05

**Dikjarazzjoni unilaterali minn Malta dwar it-tniġġiż minn bastimenti**

"Malta taqbel ma' l-objettiv sottostanti tad-Direttiva biex it-tniġġiż li joriġina minn bastimenti jiġi kkumbattut bħala wieħed mill-elementi li jistgħu jagħmlu ħsara lill-ambjent marittimu. Bħala Gżira Stat, l-għixien ekonomiku u soċjali ta' Malta fil-fatt jiddependi kompletament minn ambjent marittimu b'saħħtu u sostenibbli.

Madankollu, Malta temmen li d-Direttiva preżenti mhix konsona mal-liġi marittima internazzjonali. Il-liġi marittima internazzjonali tkun il-kuntest l-aktar pertinenti li fih jiġu stipulati regoli biex jirregolaw l-industrija, bħall-industrija marittima, li hija globali mill-istess natura tagħha. Malta tixtieq tesprimi solidarjetà ma' l-industrija marittima, li uriet tħassib dwar l-adegwatezza ta' din id-Direttiva u l-effetti negattivi li ser ikollha fuq it-tbaħħir Ewropej. Fi żmien meta l-Ewropa - u l-kumplament tad-dinja - qed tiffaċċja kriżi ta' nuqqas ta' baħħara, din id-Direttiva u d-Deċiżjoni Kwadru parallela għaliha jistgħu iservu biss biex ikomlpu jiddemotivaw lill-baħħara milli jaqbdu karriera marittima, filwaqt li jġibu fix-xejn l-isforzi Komunitarji biex tindirizza din il-problema b'mod pożittiv.

Malta ttenni t-tama tagħha illi azzjoni unilaterali simili għal dik kostitwita minn din id-Direttiva ma toħloqx preċedent illi jkompli jdgħajjef l-awtorità ta' l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. Tkun ħaġa ta' tħassib serju jekk l-applikabbiltà internazzjonali ta' l-istandards marittimi tiġi kompromessa minn Stati terzi li jagħżlu li jinjoraw il-leġislazzjoni internazzjonali, mhux għax lesti li jintrabtu b'regoli aktar stretti, iżda għal motivi abużivi u manipolattivi. Hu importanti li l-Ewropa taġixxi b'mod konsonu mat-tradizzjoni twila tagħha li tirrispetta l-istat tad-dritt u tiddefendi l-prinċipju ta' applikabbiltà tal-liġi internazzjonali fuq bażi universali partikolarment fir-rigward ta' l-industrija marittima.

Barra minn hekk, Malta ma taqbilx li multi ta' natura amministrattiva jew ta' natura oħra mhux kriminali relatati mat-tniġġiż ma jkunux assigurabbli. Jekk dawn il-multi ma jkunux assigurabbli dan jimplika espożizzjoni żejda u mhux ġusta ta' l-industrija marittima minkejja l-ħafna sforzi li qed isiru biex tiżdied is-sigurtà fit-trasport bil-baħar minn din l-istess industrija. Malta tħoss li din il-kwistjoni mhix f'lokha fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, li għandha l-funzjoni li tidentifika l-infrazzjonijiet ta' tniġġiż li joriġina minn bastimenti, filwaqt li tħalli għad-Deċiżjoni Kwadru parallela l-preskrizzjoni tas-sanzjonijiet relatati.

Għaldaqstant Malta qed tesprimi vot negattiv dwar din id-Direttiva."

## DIKJARAZZJONI 84/05

**Dikjarazzjoni mill-Greċja**

"Il-Greċja tendorsja l-għan tad-Direttiva, jiġifieri dak li jiġi protett l-ambjent tal-baħar, u hija partikolarment interessata li tara l-promozzjoni tagħha fid-dawl tas-sitwazzjoni ġeografika speċjali tal-Greċja (kosta estensiva u numru kbir ta' gżejjer) u l-importanza partikolari tat-turiżmu għall-ekonomija nazzjonali tagħha.

Madankollu, il-Greċja ma tistax taċċetta t-test tad-Direttiva minħabba li d-disposizzjonijiet tagħha jmorru lil hinn minn dawk fis-seħħ f'livell internazzjonali, u dan aktarx li jkollu effett negattiv fuq it-tbaħħir in ġenerali.

B'mod partikolari, il-Greċja tikkunsidra li d-disposizzjonijiet tad-Direttiva li jagħmlu l-attività marittima u l-professjoni marittima soġġetti għal sanzjonijiet kriminali jmmorru lil hinn mid-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni MARPOL internazzjonali u jmorru kontra n-natura internazzjonali tal-kummerċ marittimu fejn iridu japplikaw regoli uniformi internazzjonali.

Il-Greċja temmen ukoll li l-inċertezza legali li tqum mill-implimentazjoni tad-Direttiva ser tnaqqas il-livell ta' protezzjoni legali tal-baħħara Komunitarji u tan-nies li huma impenjati fit-trasport marittimu b'mod ġenerali, u fl-aħħar mill-aħħar ser toħloq diżinċentivi għaż-żgħażagħ milli jaqbdu l-professjoni marittima u għall-intraprendituri żgħażagħ fil-qasam marittimu ta' l-Unjoni Ewropea.

Fi ħdan dak il-qafas u fir-rigward ta' tal-kwistjoni ta' l-assigurazzjoni kontra l-multi mogħtija għal inċidenti ta' tniġġiż tal-baħar, il-Greċja tieħu l-pożizzjoni li l-multi mogħtija bħala sanzjonijiet krimina biss m'għandhomx jiġu assigurati."

**DIKJARAZZJONI 85/05**

**Il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja dwar il-premessa 10a.**

"Il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja jikkunsidra li t-twaqqif ta' gwardja tal-kosta Ewropea responsabbli kemm mill-prevenzjoni kif ukoll mill-kontroll tal-konsegwenzi ta' inċidenti ma tkunx ta' fejda, u jippreferi kooperazzjoni aħjar f'dawn is-setturi bejn l-Istati Membri ta' l-UE għal organizzazzjoni Ewropea ġdida."

## DIKJARAZZJONI 86/05

### Dikjarazzjoni minn Ċipru

"Ċipru tappoġġja l-prinċipju u l-objettivi ġenerali mfittxija f'din id-Direttiva, jiġifieri l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet fuq dawk kollha responsabbli mit-tniġġiż li joriġina minn bastimenti, f'tentattiv biex jiġi miġġieled dan il-fenomenu u jiġi protett l-ambjent marittimu.

In-natura internazzjonali ta' l-industrija marittima tfisser li kwalunkwe disposizzjoni leġislattiva trid tkun allinjata mar-regoli internazzjonali u fi kwalunkwe każ il-kontroll tat-tniġġiż permezz ta' l-adozzjoni ta' sanzjonijiet kontra dawk responsabbli ma jistax ikun eċċezzjoni.

Ċipru temmen li l-emendi magħmula waqt l-eżami kemm tal-proposta għal Direttiva kif ukoll tal-proposta għal Deċiżjoni Kwadru jiżvijaw mid-disposizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni MARPOL internazzjonali dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġiż.

Minħabba din id-differenza, Ċipru ma tkunx tista' tappoġġja l-adozzjoni ta' dawk id-disposizzjonijiet u għalhekk ser tastjeni mill-vot fuq din id-Direttiva.

Barra minn hekk, filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza tal-kopertura ta' l-assigurazzjoni għall-multi relattivi u filwaqt li tieħu kont tal-prassi ta' l-assigurazzjoni marittima internazzjonali, Ċipru hi ta' l-opinjoni li l-multi amministrattivi huma assigurabbli għax jiġu imposti bi kriterji differenti minn dawk li għalihom il-qrati jimponu multi f'każijiet ta' infrazzjonijiet li jirriżultaw minn frodi jew negliġenza serja."

**DIKJARAZZJONI 87/05**

**Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Taljana**

"L-Italja tilqa' d-Direttivi proposti u tixtieq l-adozzjoni tagħhom ta' malajr.

Fir-rigward ta' l-abbozz tad-Direttiva dwar is-sedili, l-Italja kienet tippreferi l-estensjoni tal-projbizzjoni tas-sedili li jħarsu laġenba għall-kategoriji kollha ta' vetturi . F'dan ir-rigward, l-Italja tixtieq titlob lill-Kummissjoni biex tinvestiga ulterjorment dwar is-suġġett biex ma testendix aktar il-perijodu derogatorju ta' 5 snin konċess lill-vetturi tal-kategorija M3 b'massa massima li taqbeż l-10 tunnellati kif issuġġerit fil-proposta oriġinali tagħha.

Fir-rigward ta' l-abbozz ta' Direttiva dwar iċ-ċinturini ta' sigurtà, l-Italja titlob lill-Kummissjoni tieħu passi biex testendi aktar l-applikazzjoni mandatorja biex jitwaħħlu ċinturini ta' sigurtà fuq il-karozzi tal-linja tal-klassi II peress illi dawn il-vetturi, li spiss huma użati barra miż-żoni urbani, huma mgħammra b'ċinturini ta' sigurtà skond il-leġislazzjoni Taljana.

F'dan ir-rigward, l-Italja tistaqsi lill-Kummissjoni jekk it-twaħħil mandatorju taċ-ċinturini ta' sigurtà fuq vetturi tal-klassi II jistax jinżamm f'livell nazzjonali jew le.

## DIKJARAZZJONI 88/05

### Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

"Ir-Renju Unit jappoġġja b'mod sħiħ it-tliet proposti biex tittejjeb is-sigurtà tal-vetturi fir-rigward tas-sedili tagħhom, iċ-ċinturini ta' sigurtà u ta' fejn jitwaħħlu, u tappoġġja l-introduzzjoni fil-prattika tagħhom mill-aktar fis.

Madankollu, id-dati ta' trasposizzjoni msemmija fl-Artikolu 3 ta' l-emenda għad-Direttiva 74/408/KE u l-Artikolu 4 ta' l-emendi għad-Direttivi 76/115/KE u 77/541/KE joħolqu diffikultajiet partikolari għas-servizzi legali tar-Renju Unit, li normalment jitolbu perijodi ta' trasposizzjoni bbażati fuq tnax-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ, aktar milli sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ kif mitlub mill-proposti attwali.

Sabiex jiġi assigurat titjib bikri fis-sigurtà ta' l-okkupant madwar l-Unjoni Ewropea kollha, ma nixtiqux nittardjaw l-implimentazzjoni ta' dawn il-proposti partikolari. Madankollu, nixtiequ li jiġi nnutat li aħna ġeneralment ser inkunu qed nitolbu minimu ta' tnax-il xahar ta' żmien ta' trasposizzjoni għal proposti ta' dan it-tip."

**DIKJARAZZJONI 89/05**

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni:**

"Il-ħażna u l-aċċess għall-faċilitajiet tal-ħażna ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Għalhekk il-ħażna u l-aċċess għall-faċilitajiet tal-ħażna mhux ser jiġu indirizzati fil-Linji Gwida stabbiliti fl-Artikolu 9(1) ta' dan ir-Regolament jew kif emendati taħt l-Artikolu 9(2) ta' dan ir-Regolament."

**DIKJARAZZJONI 90/05**

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill**

Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu 4 dwar l-użu tal-kelma "penalties" fil-verżjoni Ingliża ta' l-istrumenti legali tal-Komunità Ewropea.

"Fl-opinjoni tal-Kunsill, meta l-kelma "penalties" tintuża fil-verżjoni Ingliża ta' l-istrumenti legali tal-Komunità Ewropea, din il-kelma hija użata f'sens newtrali u ma tirrelatax speċifikament ma' sanzjonijiet tal-liġi kriminali, imma tista' wkoll tinkludi sanzjonijiet amministrattivi u finanzjarji, kif ukoll tipi oħrajn ta' sanzjonijiet. Meta l-Istati Membri huma obbligati taħt att tal-Komunità biex jintroduċu "penalties", jiġi minnhom li jiddeċiedu li jagħżlu t-tip ta' sanzjoni addatta, li tkun konformi mal-każistika tal-ECJ.

Fid-*database* lingwistika tal-Komunità, jidhru t-traduzzjonijiet li ġejjin tal-kelma "penalties" f'xi lingwi oħrajn:

biċ-Ċek, "sankce", bl-Ispanjol, "sanciones", bid-Daniż, "sanktioner", bil-Ġermaniż, "Sanktionen", bl-Estonjan, "sanktsioonid", bil-Franċiż, "sanctions", bil-Grieg, "κυρώσεις", bl-Ungeriż, "jogkövetkezmények", bit-Taljan, "sanzioni", bil-Latvjan, "sankcijas", bil-Litwan, "sankcijos", bil-Malti, "penali", bl-Olandiż,"sancties", bil-Pollakk, "sankcje", bil-Portugiż, "sanções", bis-Sloven, "kazni", bis-Slovakk, "sankcie", bil-Finlandiż, "seuraamukset" u bl-Isvediż, "sanktioner".

Jekk, fil-verżjonijiet ta' strumenti legali riveduti bl-Ingliż fejn il-kelma "sanctions" ġiet diġà użata, din il-kelma tiġi sostitwita bil-kelma "penalties", dan ma joħloqx differenza sostanzjali."

## DIKJARAZZJONI 91/05

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

**Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu 3**

"Meta tkun qed tfassal ir-rapport previst fl-Artikolu 3, il-Kummissjoni ser tieħu kont ta' l-impatt ekonomiku u soċjali tal-ftehim dwar l-initrapriżi u l-ħaddiema koperti mid-Direttiva."

## DIKJARAZZJONI 92/05

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

**Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu 5**

"Il-Kummissjoni tfakkar li, skond il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, in-nuqqas ta' eżistenza fi Stat Membru ta' l-attività msemmija f'Direttiva ma tilliberax dak l-Istat Membru mill-obbligu li jieħu passi leġislattivi u regolatorji biex jiżgura t-trasposizzjoni adatta tad-disposizzjonijiet kollha ta' dik id-Direttiva.

Madankollu, l-impossibbiltà ġeografika ma tilliberax l-Istat Membru kkonċernat mill-obbligu ta' trasposizzjoni. Fiċ-ċirkostanzi attwali dan ikun il-każ għal Ċipru u Malta."

## DIKJARAZZJONI 93/05

### Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

### Dikjarazzjoni dwar il-monitoraġġ ta' l-iżvilupp tas-settur tal-ferroviji

"Il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lill-iżvilupp tat-trasport bil-ferroviji li jirriżulta mid-Direttivi Komunitarji adottati għall-iżvilupp ta' ferroviji Ewropej, inklużi azzjonijiet lejn il-ftuħ tas-suq. Hija tispera li l-imsieħba soċjali ser jikkontribwixxu għal dan l-iżvilupp u li d-djalogu soċjali jirrifletti l-evoluzzjoni tas-settur. Għandha l-intenzjoni titlob lill-kumitat għad-djalogu soċjali biex iżid ir-rappreżentanza tiegħu skond dik l-evoluzzjoni.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tipproponi li tissottometti lill-Kunsill, qabel id-data msemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva, rapport li jieħu kont ta' l-impatt ekonomiku u soċjali tal-ftehim ta' l-imsieħba soċjali dwar intrapriżu u ħaddiema u tad-diskussjonijiet dwar id-djalogu soċjali li saru taħt il-Klawsoli 10 u 11 tal-ftehim dwar il-kwistjonijiet pertinenti kollha, inkluża l-Klawsola 4.

Hija għandha l-intenzjoni tieħu l-inizjattivi meħtieġa, billi tipproponi emenda għad-Direttiva, jekk l-imsieħba soċjali jilħqu kwalunkwe ftehim ġdid, anki jekk ikun konkluż qabel id-data msemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva."

## DIKJARAZZJONI 94/05

**Dikjarazzjoni mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, appoġġjata mir-Repubblika ta' l-Awstrija**

"Hija l-fehma tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, appoġġjata mir-Repubblika ta' l-Awstrija, li d-Direttiva timmira mhux biss biex tiżgura l-protezzjoni u s-sigurtà ta' impjegati f'servizzi tal-ferroviji transkonfini, iżda wkoll biex tippromwovi l-iżvilupp ta' servizzi tal-ferroviji transkonfini interoperabbli.

Sabiex jiġu evitati l-effetti potenzjalment negattivi tad-Direttiva fuq is-suq tal-ferroviji Ewropew li qed jitfaċċa, il-Gvern Federali jissottolinja s-sinifikat ta' l-aspetti li ġejjin:

– li, fil-kuntest tan-negozjati friski previsti sentejn wara l-konklużjoni tal-ftehim ta' l-imsieħba soċjali, l-imsieħba soċjali jinnegozjaw żieda fin-numru ta' perijodi konsekuttivi ta' mistrieħ 'il bogħod mid-dar u b'hekk jagħtu konsiderazzjoni xierqa lill-interessi tal-kumpanniji privati tal-ferroviji,

– u li, fir-rapport tagħha skond l-Artikolu 3 tad-Direttiva, il-Kummissjoni Ewropea tagħti attenzjoni speċjali lill-impatt tad-Direttiva fuq kumpanniji żgħar u ta' daqs medju u b'hekk tiddeskrivi l-iżvilupp ta' l-ishma tas-suq tal-ferroviji privati u tat-traffiku tal-ferroviji in ġenerali fir-rigward ta' modi oħra ta' trasport (u b'mod partikolari trasport bl-art) u tistima dan fid-dawl tad-Direttiva."

## DIKJARAZZJONI 95/05

**Dikjarazzjoni mill-Olanda**

"Id-delegazzjoni Olandiża tista' tappoġġja d-Direttiva li timplimenta l-ftehim ta' l-imsieħba soċjali dwar ċerti aspetti tal-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' ħaddiema mobbli fis-settur tal-ferroviji. Il-ftehim jiżgura l-protezzjoni u s-sigurtà tal-ħaddiema f'servizzi tal-ferroviji transkonfini.

Bil-ħsieb li jiġi promoss l-iżvilupp tas-servizzi transkonfini interoperabbli tal-ferroviji d-delegazzjoni Olandiża titlob li tingħata attenzjoni speċjali lill-Klawsola 4 fil-ftehim. Din il-klawsola tintroduċi r-regola li mistrieħ ta' kuljum 'il bogħod mid-dar għandu jiġi segwit b'mistrieħ ta' kuljum id-dar, bil-possibbiltà għall-imsieħba soċjali f'livell nazzjonali li jinnegozjaw it-tieni mistrieħ konsekuttiv lil hinn mid-dar.

Fil-każ li n-negozjati mill-ġdid dwar din il-kwistjoni jistgħu jwasslu għal numru ogħla ta' mistrieħ konsekuttiv 'il bogħod mid-dar, id-delegazzjoni Olandiża tifhem li l-Kummissjoni ser tipproponi malajr kemm jista' jkun emenda għad-Direttiva, anke jekk in-negozjati jiġu konklużi qabel id-data msemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva."

## DIKJARAZZJONI 96/05

### Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

"Ir-Renju Unit jappoġġja bis-sħiħ id-dritt ta' l-imsieħba soċjali li jiżviluppaw ftehim u, fejn xieraq, li jfittxu Direttivi biex jagħtuhom is-saħħa.

Meta l-Kunsill tal-Ministri jiġi mitlub biex japprova l-estensjoni ta' dawn il-ftehim bħala impenji li jorbtu għall-atturi kollha fis-suq huwa għandu r-responsabbiltà li jikkonsidra l-impatt fuq l-iżvilupp tas-settur fl-intier tiegħu, inkluż fuq dawk li ma kinux rappreżentati b'mod dirett fid-diskussjonijiet.

Id-Direttiva tal-Kunsill dwar ċerti aspetti ta' kondizzjonijiet tax-xogħol ta' ħaddiema mobbli assenjati għal servizzi transkonfini interoperabbli fis-settur tal-ferroviji timmira mhux biss biex tiżgura l-protezzjoni u s-sigurtà tal-ħaddiema iżda wkoll biex tippromwovi l-iżvilupp tas-servizzi.

Minn meta ġie ffirmat dan il-ftehim, ġew miftehma miżuri Komunitarji ġodda biex tiġi kkompletata l-liberalizzazzjoni tat-trasport ferrovjarju internazzjonali tal-merkanzija. Ir-Renju Unit jikkondividi t-tħassib ta' numru ta' persuni interessati fis-settur li uħud mid-disposizzjonijiet fid-Direttiva, meta implimentati, jistgħu jfixklu opportunitajiet ta' żvilupp u għalhekk prospetti ta' impjiegi fil-futur. Dan jista' jpoġġi f'riskju l-objettiv stess tal-Kummissjoni li treġġa' lura, sa l-2010, is-sehem tal-ferroviji fit-traffiku tal-merkanzija għal-livelli ta' l-1998. Għalhekk nitolbu lill-imsieħba soċjali biex jirriflettu dwar it-tħassib li tqajjem s'issa fil-valutazzjoni tagħhom tal-ftehim f'Jannar 2006.

Nilqgħu l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea li tieħu kont ta' l-impatt ekonomiku u soċjali tad-Direttiva u l-ftehim fil-preparazzjoni tar-rapport futur tagħha dwar l-implimentazzjoni tagħha. Iżda għal kwalunkwe regolament biex ikun effettiv, huwa importanti li qabel ma jintlaħaq qbil dwar ir-regolament ikun hemm konsultazzjoni u kontribut xieraq minn dawk li ser jiġu milquta mill-miżuri.

B'mod iżjed ġenerali, ir-Renju Unit jemmen li stimi ta' l-impatt minn qabel, iżjed approfonditi u fil-ħin tal-ftehim ta' l-imsieħba soċjali jkunu konsistenti mal-pjan ta' ħidma "regolamentazzjoni aħjar għall-impjiegi u l-iżvilupp" tal-Kummissjoni."

*

*                    *

## INFORMAZZJONI MOGĦTIJA MILL-KUMMISSJONI

**Abbażi ta' informazzjoni provduta mill-imsieħba soċjali, il-Kummissjoni speċifikat - għall-informazzjoni - il-punti li ġejjin:**

Klawsola 1

**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan il-ftehim japplika għall-ħaddiema tal-ferroviji assenjati għal servizzi transkonfini interoperabbli. Sabiex jikkwalifika bħala tali, ħaddiem tal-ferroviji jrid ikun assenjat għal dan it-tip ta' servizz għal aktar minn siegħa kuljum. Għalhekk, il-kalkolu tas-sigħat li fihom wieħed ikun offra tali servizz mhux ibbażat fuq medja ta' sigħat fuq perijodu ta' ħin iżda fuq numru assolut ta' sigħat. Għaldaqstant, il-ftehim japplika wkoll għal dawk il-ħaddiema tal-ferroviji li jwettqu tali servizz fuq bażi irregolari. L-imsieħba soċjali deliberatament ħallewha f'idejn l-Istati Membri sabiex jirregolaw id-dettalji taħt liema joperaw kemm dawk li qed jaħdmu fuq livell nazzjonali kif ukoll dawk li qed jaħdmu fuq livell transkonfini.

F'ċerti każijiet l-applikazzjoni tal-ftehim mhix obbligatorja . Fil-fatt, l-intenzjoni ta' l-imsieħba soċjali mhix li jimponu dan il-ftehim fuq ftehim diġà eżistenti fil-livell lokali, anki jekk dawn ikunu qed jidderogaw minn dan il-ftehim. Dawn il-ftehim derogattivi għandhom jibqgħu fis-seħħ minħabba n-natura limitata tat-traffiku transkonfini interoperabbli.

Klawsola 2

**Definizzjonijiet**

B'dan il-ftehim, l-imsieħba soċjali ma jixtiqux ikopru l-persunal li jkun qed jaħdem fid-dipartimenti tat-tindif jew ta' l-ikel. Dawn huma normalment impjegati minn barra s-settur tal-ferroviji.

Klawsola 3

**Mistrieħ ta' kuljum id-dar**

L-imsieħba soċjali jenfasizzaw li "mistrieħ ta' kuljum imnaqqas" ifisser kwalunkwe ammont ta' ħin li huwa mnaqqas mill-minimu ta' 12-il siegħa konsekuttiva għal kull perijodu ta' 24 siegħa: kemm jekk huwa ta' 3 sigħat kif ukoll jekk huwa ta' 5 minuti, għandu jkun ikkunsidrat bħala mistrieħ ta' kuljum imnaqqas. L-imsieħba soċjali jħallu f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali sabiex jistabbilixxu s-sens ta' "mistrieħ ta' kuljum imnaqqas b'mod sinifikattiv", sakemm l-ammont ma jinżilx taħt il-"minimu ta' 9 sigħat darba kull perijodu ta' 7 ijiem" stabbilit fil-klawsola. Huma ddikjaraw ukoll b'mod ċar li l-Klawsola 3 għandha tkun interpretata bħala li tippermetti biss tnaqqis wieħed għal kull perijodu ta' 7 ijiem, irrispettivament mit-tul ta' dan it-tnaqqis.

Klawsola 4

**Mistrieħ ta' kuljum 'il bogħod mid-dar**

Dan il-ftehim jippermetti għal mistrieħ ta' kuljum minimu 'l bogħod mid-dar ta' 8 sigħat għal kull perijodu ta' 24 siegħa. L-imsieħba soċjali spjegaw li, filwaqt li din id-disposizzjoni ma timponix mistrieħ kumpensatorju, lanqas ma teskludi l-possibbiltà ta' l-inklużjoni tiegħu. Huwa fid-diskrezzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali li jkunu qed jittrasponu l-ftehim jekk jinkludux mistrieħ kumpensatorju jew le.

Madankollu din il-klawsola teskludi li jkun hemm aktar minn żewġ perijodi ta' mistrieħ 'il bogħod mid-dar. Il-limitu stabbilit f'żewġ perijodi ta' mistrieħ huwa r-riżultat ta' negozjati fil-fond bejn l-imsieħba soċjali u huwa parti mill-ftehim in ġenerali.

L-imsieħba soċjali spjegaw li l-kelma “negozjati” fin-nota 14 ta' qiegħ il-paġna (verżjoni FR) tfisser li l-partijiet involuti jidħlu f’negozjati li jwasslu għal ftehim. Dan il-ftehim jista' jkun ftehim kollettiv jew ftehim milħuq ma' l-intrapriża. Fl-istess nota ta' qiegħ il-paġna, it-terminu “kumpens” għandu jkun interpretat bħala li jkopri kumpens finanzjarju kif ukoll temporali skond ir-riżultati tan-negozjati. Madankollu l-imsieħba soċjali enfasizzaw li l-mira tal-ftehim hija li jkunu mħarsa s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u li dan l-objettiv huwa importanti għall-interpretazzjoni ta’ din in-nozzjoni.

L-imsieħba soċjali għamluha ċara li l-objettiv tagħhom ma kienx li jkunu aktar restrittivi mid-Direttiva tal-ħin tax-xogħol u t-terminu “imsieħba soċjali” f’din in-nota ta' qiegħ il-paġna għandu jkun interpretat fis-sens taż-“żewġ naħat ta’ l-industrija” kif inhu f’din id-Direttiva.

Klawsola 5

**Pawżi**

Skond dan il-ftehim, pawża tista' tinqasam f’diversi partijiet. In-numru u t-tul tal-partijiet mhux speċifikat fil-ftehim u għalhekk jistà ikun deċiż fuq il-livell nazzjonali. Naturalment dan ikollu jirrispetta l-objettiv ta’ “rkupru effettiv tal-ħaddiem”.

Il-kelma “devrait” (fil-verżjoni Franċiża) tfisser li, fil-każ ta’ avvenimenti mhux previsti li jaffettwaw l-ippjanar tal-pawżi, il-ferrovija ma tiqafx biex il-persunal jieħu pawża.

Klawsola 6

**Perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa**

Taħt dan il-ftehim, f'sena partikolari ta' 52 ġimgħa ta' xogħol, ħaddiem għandu jingħata medja ta' jumejn ta' mistrieħ kull ġimgħa (barra l-mistrieħ ta' kuljum). Dan jammonta għal 104 perijodu ta' mistrieħ ta' 24 siegħa kull wieħed. Jekk ħaddiem għandu 4 ġimgħat ta' btajjel, ikun qed jaħdem 48 ġimgħa u jkun għalhekk intitolat għal 96 perijodu ta' mistrieħ.

Fuq perijodu ta' 52 ġimgħa ta' xogħol, dawn il-perijodi ta' mistrieħ għandhom jinkludu:

– 12-il ġimgħa fis-sena, fil-każ fejn ħaddiem huwa intitolat li jkollu 60 siegħa konsekuttiva ta' mistrieħ inkluż tmiem il-ġimgħa (is-Sibt u l-Ħadd);

– 12-il ġimgħa fis-sena fejn ħaddiem huwa intitolat għal 60 siegħa konsekuttiva oħra ta' mistrieħ li fihom l-inklużjoni tat-tmiem il-ġimgħa mhix garantita.

Fil-ġimgħat li jkun baqa', il-ħaddiem għandu jibbenefika minn ta' l-inqas 36 siegħa ta' mistrieħ konsekuttiv (mistrieħ wieħed kull ġimgħa u mistrieħ wieħed kuljum). Globalment, il-mistrieħ medju għandu jkun ta' 36 + 24 siegħa kull ġimgħa. Minkejja li kull ħaddiem għandu d-dritt għal medja ta' jumejn ta' mistrieħ kull ġimgħa fuq perijodu ta' sena, dan il-ftehim jiggarantixxi biss, għal kwalunkwe ġimgħa speċifika, perijodu ta' mistrieħ minimu ta' 24 siegħa u perijodu ta' mistrieħ kuljum ta' 12-il siegħa, li jammonta għal 36 siegħa kull ġimgħa.

Fil-każ ta' kuntratti ta' inqas minn sena, il-ftehim japplika fuq bażi pro-rata. Id-dettalji ta' ħaddiem li jkun qed iwettaq servizz interoperabbli għal inqas minn sena huma regolati fuq livell nazzjonali.

Klawsola 7

**Ħin ta' sewqan**

"Ħin ta' sewqan" f'din il-klawsola għandu jkun mifhum ħin ta' sewqan ippjanat. Huwa possibbli li jiġu magħquda l-ħin ta' sewqan ma' kompiti oħra sal-limitu ammissibbli ta' ħin tax-xogħol. Fil-każ li l-ħin ta' sewqan huwa estiż minħabba avvenimenti mhux ippjanati jew fil-każ ta' taħlita ta' ħin ta' sewqan ma' kompiti oħra, għandu jkun innotat li l-ħin tax-xogħol massimu ta' kull ġimgħa huwa rregolat mid-Direttiva tal-ħin tax-xogħol u mhux minn dan il-ftehim.

Klawsola 8

**Kontrolli**

L-imsieħba soċjali jikkunsidraw li r-rekords miżmuma għandhom jitqiegħdu għad-disposizzjoni tal-ħaddiema u ta' l-awtoritajiet nazzjonali. Huwa f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali li jiddeċiedu fejn iżommu r-rekords. Dawn ir-rekords għandhom jiżguraw li l-klawsoli kollha tal-ftehim huma rispettati, inkluż il-ħin ta' sewqan.

*Klawsola 9*

**Klawsola ta' non-rigressjoni**

L-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim fl-ebda każ ma tikkostitwixxi raġunijiet validi biex jitnaqqas il-livell ġenerali ta' protezzjoni mogħti lill-ħaddiem mobbli assenjat għal servizzi transkonfini interoperabbli.

Klawsola 10

**Segwitu tal-ftehim**

Fil-kuntest ta' dan il-ftehim, "firmatarji" u "partijiet" ifissru l-istess ħaġa.

B'dan il-ftehim, l-imsieħba soċjali intrabtu li jkomplu jsegwu dwar it-trasposizzjoni u l-applikazzjoni tal-ftehim fl-Istati Membri u li jiskambjaw informazzjoni dwar din il-materja. Dan l-eżerċizzju huwa indipendenti mill-obbligu għall-Kummissjoni li timmonitorja t-trasposizzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill.

Klawsola 11

**Valutazzjoni**

Barra minn hekk, fir-rigward tal-valutazzjoni, il-firmatarji jimpenjaw ruħhom li josservaw l-iżvilupp tas-settur transkonfini interoperabbli.

Skond l-imsieħba soċjali, l-eżerċizzju ta' valutazzjoni ser jibda fl-2006, anki jekk Jannar 2006 jista' jidher qrib wisq. L-objettiv ta' din il-valutazzjoni huwa li tiġi osservata l-evoluzzjoni tas-suq transkonfini interoperabbli u li jiġu vvalutati l-klawsoli tal-ftehim fid-dawl ta' l-ewwel esperjenzi.

Klawsola 12

**Reviżjoni**

Il-klawsola ta' reviżjoni hija klawsola ta' reviżjoni standard li tinsab fi ftehim ta' din in-natura.

## DIKJARAZZJONI 97/05

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni relatata mal-proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/819/KE dwar programm pluriennali għall-intrapriża u l-intraprenditorija, u b'mod partikolari għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) (2001-2005)[1]**

"Il-Kummissjoni tikkonferma li, fl-implimentazzjoni tal-Programm MAP ta' l-2006, ser talloka l-fondi addizzjonali miftehma mill-ko-leġislaturi għall-Istrumenti Finanzjarji Komunitarji[2] li jimmiraw li jtejbu l-aċċess ta' l-SMEs għall-finanzi."

.

---

[1] COM(2004)781 finali tas-7.12.2004
[2] Kif imniżżel fl-Anness I, paragrafu 4(a) tad-Deċiżjoni MAP oriġinali, 2888/819/KE ta' l-20.12.2000.

| LULJU 2005 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRA** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fl-1 ta' Lulju 2005**<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati f'isem il-Komunità Ewropea fi ħdan il-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi Internazzjonali tal-Kummerċ (UNCITRAL) dwar abbozz ta' konvenzjoni dwar l-użu ta' komunikazzjonijiet elettroniċi f'kuntratti internazzjonali<br>10705/05<br><br>***Dikjarazzjoni magħmula pubblika***<br><br>***Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni***<br><br>*1. "Matul in-negozjati fl-UNCITRAL, il-Kummissjoni ser tikkoordina l-pożizzjoni ta' l-Istati Membri sabiex tiżgura li d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni UNCITRAL futura dwar l-użu ta' komunikazzjonijiet elettroniċi f'kuntratti internazzjonali huma kompatibbli mad-Direttiva KE/2000/31 dwar il-kummerċ elettroniku, speċjalment mad-disposizzjonijiet tagħha dwar definizzjonijiet (b'mod partikolari fir-rigward tal-post ta' stabbiliment, l-Artikolu 2), informazzjoni ġenerali li trid tiġi pprovduta (l-Artikolu 5), trattament ta' kuntratti (l-Artikolu 9), informazzjoni li trid tiġi pprovduta fl-istadju ta' qabel il-kuntratt (l-Artikolu 10), il-prinċipji li jirregolaw it-tqegħid ta' l-ordni (l-Artikolu 11).*<br><br>*2. Għaldaqstant, matul in-negozjati l-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ħtieġa għal klawsola ta' deroga li timmira li tiżgura li l-Istati Membri japplikaw fis-sħiħ id-Direttiva KE/2000/31 fir-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom, jiġifieri fir-rigward tal-kwistjonijiet imsemmija fil-punt 1.*<br><br>*3. Il-Kummissjoni ser tiżgura li n-negozjati jitmexxew b'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri rrappreżentati fl-UNCITRAL. F'din il-perspettiva ser jiġu organizzati laqgħat fuq il-post biex ikunu żgurati l-pożizzjonijiet komuni tal-parteċipanti. L-ewwel laqgħa ta' tħejjija ser tiġi organizzata fi Vjenna fl-4 ta' Lulju, qabel il-bidu tas-sessjoni ta' l-UNCITRAL.*<br><br>***Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża***<br><br>*"Il-proposta għal mandat tgħid li l-Kummissjoni "ser tmexxi n-negozjati". F'dan il-kuntest, Franza tixtieq tfakkar li billi l-Komunità Ewropea mhix membru tal-UNCITRAL, il-Kummissjoni hija preżenti biss bħala osservatur u ma tistax, irrispettivament mill-mandat li ser jingħatalha, tippreżenta ruħha* | |

| LULJU 2005 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRA** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| *matul is-sessjoni diplomatika bħala dik li se tmexxi n-negozjati f'isem l-Istati Membri ta' l-Unjoni, fir-rigward ta' stati terzi li huma membri tal-UNCITRAL.*<br><br>*Minbarra dan, il-Kummissjoni m'għandhiex kompetenza esklussiva għall-konvenzjoni in kwistjoni iżda tikkondividi l-kompetenza ma' l-Istati Membri biss f'dawk l-oqsma li fihom, billi tilleġisla, kisbet kompetenza esterna. Għaldaqstant, u irrispettivament mill-formulazzjoni użata fil-proposta għal mandat, il-Kummissjoni għandha tmexxi l-koordinazzjoni f'livell Komunitarju, b'mod li twassal għal pożizzjoni ta' negozjar Komunitarja, biss fuq il-kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tagħha; dik il-pożizzjoni tista' tiġi espressa mill-Kummissjoni, mid-delegazzjoni ta' l-Istat Membru li jkollu l-Presidenza jew ukoll minn xi delegazzjoni oħra, skond kif jiddeċiedu flimkien l-Istati Membri."* | |
| **L-2672 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) tat-12 ta' Lulju 2005** | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar Linji Gwida għall-Linji Politiċi dwar l-Impjiegi ta' l-Istati Membri<br>10205/05 u 10667/05 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali fir-rigward ta' l-awditur estern tad-De Nederlandsche Bank<br>9669/05 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2001/264/KE li tadotta r-regolamenti tas-sigurtà tal-Kunsill<br>9445/05 | |
| Regolament tal-Kunsill li jtemm ir-reviżjoni ta' l-esportaturi l-ġodda tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1995/2000 li jimponi dazji anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' urea ammonium nitrate (UAN) li joriġina, inter alia, fl-Alġerija<br>10266/05 | |
| Regolament tal-Kunsill li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' roti (biċikletti) li joriġinaw fil-Vjetnam, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1524/200 li jimponi dazji anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina | EE, DK, NL u SE kontra |

| LULJU 2005 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRA** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| 10062/05 + REV 1 (sl)<br><br>Regolament tal-Kunsill dwar l-amministrazzjoni ta' ċerti restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ta' l-azzar mill-Ukraina u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2266/2004<br>10597/05<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonċerna l-konklużjoni ta' ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' l-Ukraina dwar il-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar<br>10507/05<br><br>Opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà aġġornat tal-Portugall<br>11122/05 + COR 1 (de)<br><br>**L-2674 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni) tat-18 ta' Lulju 2005**<br><br>Regolament tal-Kunsill li jimponi ċerti miżuri restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo ta' l-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo<br>10602/05 + REV 1 (en)<br><br>Regolament tal-Kunsill li jimponi ċerti miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni li jxekklu l-proċess ta' paċi u li jiksru l-liġi internazzjonali fil-konflitt tar-reġjun tad-Darfur fis-Sudan<br>10603/05 + COR 1 (fi) + COR 2 (el) + REV 1 (en) + REV 2 (de) + REV 3 (it) + REV 4 (es) + REV 5 (hu) + REV 6 (sl) + REV 7 (pt) + REV 8 (fr) + REV 9 (dk)<br><br>Azzjoni Konġunta tal-Kunsill dwar kontribuzzjoni ulterjuri ta' l-Unjoni Ewropea għall-proċess ta' soluzzjoni tal-kunflitt fil-Ġeorġja/Ossetja tan-Nofsinhar<br>10317/05 + COR 1 (en)<br><br>Azzjoni Konġunta tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-attivitajiet ta' l-IAEA fl-oqsma tas-sigurtà u l-verifika nukleari u fil-qafas ta' l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' l-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' l-Armi tal-Qerda tal-Massa | |

| LULJU 2005 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRA** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| 9338/05 | |
| Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika taċ-Ċili fl-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea ta' maniġġar ta' kriżijiet fil-Bosnja u Ħerzegovina (Operazzjoni ALTHEA)<br>9843/05 u 10475/05 + COR 1 (fr) + ADD 1 | |
| Azzjoni Konġunta tal-Kunsill li twaqqaf Kulleġġ ta' Sigurtà u Difiża Ewropew (ESDC)<br>10547/05 u 11013/05 + ADD 1 | |
| Azzjoni Konġunta tal-Kunsill dwar l-azzjoni ta' sostenn ċivili-militari ta' l-Unjoni Ewropea għall-missjoni ta' l-Unjoni Afrikana fir-reġjun tad-Darfur fis-Sudan<br>10919/05 + COR 1 (en) + REV 1 (sv) u 11224/05 + ADD 1 | |
| Azzjoni Konġunta tal-Kunsill li taħtar Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għas-Sudan<br>10796/1/05 REV 1 | |
| Adozzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-Kapaċitajiet Ewropej tal-Protezzjoni Ċivili<br>10576/05 + COR 1 + COR 2 (en) | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada fl-ipproċessar tad-*data* ta' l-API/PNR<br>9811/05 | |
| Regolament tal-Kunsill li jimponi dazju anti-dumping definittiv u l-ġbir b'mod definittiv tad-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet tal-barium carbonate li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina<br>10701/05 | DK, EE, NL, LT, PT u SE kontra<br>CZ, IT, PL, SK, UK astjenew |
| Regolament tal-Kunsill li jimponi dazju anti-dumping definittiv u l-ġbir b'mod definittiv tad-dazju provviżorju impost fuq imprtazzjonijiet ta' trakkijiet b'pallets manwali li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina<br>10677/05 | NL u UK kontra<br>CZ u EL astjenew |

| LULJU 2005 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRA** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| Deċiżjoni tal-Kunsill fuq il-konklużjoni ta' ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Każakistan dwar il-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar<br>9362/05 + COR 1 (en) + COR 2 (en)<br><br>Regolament tal-Kunsill dwar l-amministrazzjoni ta' ċerti restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ta' l-azzar mir-Repubblika tal-Każakistan u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2265/2004<br>9140/05 + COR 1 (en) + COR 2 (en)<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adempiment tal-kondizzjonijiet imniżżla fil-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim Ewropa li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' estensjoni tal-perijodu stabbilit fl-Artikolu 9(4) tal-Protokoll 2 għall-Ftehim Ewropa<br>10591/05<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Ewro-Meditteranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu ta' l-Alġerija, min-naħa l-oħra<br>10819/02, 6786/02 u 11082/05<br><br>**L-2676 laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fit-18 ta' Lulju 2005**<br><br>Regolament tal-Kunsill li jadotta miżuri awtonomi u transitorji li ssir kwota ta' tariffa Komunitarja għall-importazzjoni ta' annimali bovini ħajjin li joriġinaw mill-Isvizzera<br>10730/05 u 11139/05 | |

| LULJU 2005 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRA** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonċerna l-konklużjoni ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport Marittimu bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-waħda, u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea<br>6721/05 u 7996/05 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar ta' l-Ilma Migratorji Afrikani-Ewroasjatiċi.<br>8647/05 + COR 1 (fi) + REV 1 (en) + REV 2 (lt) + ADD 1<br>u 10729/05 + ADD 1 | |
| Pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar makkinarji, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE<br>5786/05 + REV 1 (it) + COR 1 (fi) + ADD 1 + ADD 1 COR 1 (pl)<br>u 10855/05 + ADD 1 + ADD 1 COR 1 (fr) | |
| Pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għal Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali għall-Istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità<br>6273/05 + REV 1 (lt) + ADD 1 + ADD 1 COR 1 (fr)<br>u 10896/05 + ADD 1 | BE kontra<br>DE astjeniet |
| Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE<br>5694/05 + COR 1 (pt) + REV 1 (mt) + REV 2 (fi)<br>+ REV 2 COR 1 (fi) + REV 3 (lt) + REV 4 (es) + ADD 1<br>+ ADD 1 COR 1 (fi) u 10844/05 + ADD 1 | BE, EL, IE u IT astjenew |

| LULJU 2005 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRA** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi dwar l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà Internazzjonali fil-Komunità u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3051/95<br>6919/05 + COR 1 (pl) + ADD 1 + ADD 1 COR 1 (lt) u 10843/05 | |
| Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jiġi faċilitat il-ħruġ mill-Istati Membri ta' viżi uniformi għal waqfiet qosra għal riċerkaturi minn pajjiżi terzi li jkunu qed jivvjaġġaw fi ħdan il-Komunità bil-għan li jagħmlu riċerka xjentifika<br>PE-CONS 3621/1/05 REV 1 u 10914/05 | |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fl-25 ta' Lulju 2005** | |
| Regolament tal-Kunsill li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-ħadid fondut li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina<br>11081/05 | DK, FI, NL u SE kontra<br>DE astjeniet |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fis-26 ta' Lulju 2005** | |
| Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2268/2004 li jimponi dazju definittiv anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' tungsten carbide u fused tungsten carbide li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina<br>10838/05 + COR 1 (de) | |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fis-27 ta' Lulju 2005** | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar ir-rilaxx ta' informazzjoni lill-Isvizzera taħt arranġament eżistenti dwar prinċipji bażiċi għall-iskambju prattiku ta' informazzjoni klassifikata mal-Grupp Kontra t-Terroriżmu<br>11371/05 | |

| LULJU 2005 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRA** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fit-28 ta' Lulju 2005**<br><br>• Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' deficit eċċessiv fl-Italja – Applikazzjoni ta' l-Artikolu 104(6) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea<br>11123/05<br>• Rakkomandazzjoni tal-Kunsill lill-Italja bil-ħsieb li tiġi mitmuma s-sitwazzjoni ta' deficit eċċessiv tal-gvern – Applikazzjoni ta' l-Artikolu 104(7) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea<br>11124/05<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar pożizzjoni tal-Komunità fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 73 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jwaqqaf assoċjazzjoni bejn il-KOmunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra<br>11130/05<br><br>Azzjonijiet Konġunti tal-Kunsill<br>• li jestendu l-mandat tar-Rappreżentanti Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għall-Moldova, għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani, fil-Bosnja u Ħerzegovina, fl-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u għall-Afganistan<br>• li jestendu u jemendaw il-mandati tar-Rappreżentanti ta' l-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Lagi Kbar ta' l-Afrika u għall-Kawkasu t'Isfel<br>10836/05, 10831/05, 10963/05, 11196/05, 10835/05, 10833/05, 11195/05 u 11002/2/05 REV 2<br>10759/05, 10762/05, 10757/05, 11159/05, 10760/05, 10761/05 u 10753/05<br>• li jaħtru Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għall-Asja Ċentrali<br>10798/1/05 REV 1 | |